**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 271/18 AGV**

A
Vs
B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fit-28 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar is-6 ta' Ottubru, tas-sena 1985.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgtitfal C illum 31 sena u D illum ta' 30 sena.

3. Illi l-kontendenti kienu sseparaw permezz ta' separazzjoni personali quddiem Nutar Dr. Joseph Debono nhar id-19 ta' Mejju, tas-sena 2014, dan skond ma jirrizulta mill-anness document immarkat bhala Dok. A.

4. Illi l-kontendenti kienu irrinunzjaw reciprokament ghall-manteniment.
5. Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

6. Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti qed tigi umilment mitluba sabiex:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66 A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjes.

Rat ir-Risposta tal-intimata, li eccepiet:-

1.Illi fl-ewwel lok jinghad li mhux kontestat li l-partijiet isseparaw skond kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono nhar id-19 ta' Mejju, 2014;

2.Illi l-esponent taqbel li l-ebda manteniment m'hu dovut bejn il-kontendenti, kif ukoll li l-ulied illum huma adulti u ndipendenti;

3.Illi ghaldaqstant, l-esponenti ma topponix ghat-talba ghall-ottjeniment tad-divorzju;

4.Illi finalment l-esponenti tirrileva illi hija tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Mamo;

L-intimat issottomettiet li m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat l-affidavit tar-rikorrent li kkonferma li kien issepara minn ma' martu permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono datat 19 ta' Mejju, 2014. Jikkonferma ukoll li dejjem hallas l-manteniment dovut skond il-kuntratt ta' separazzjoni. Ighid li llum it-tfal taghhom huma maggorenni. Jispjega ukoll li llum jinstab f'relazzjoni stabbli

ma' mara ohra u ghalhekk ma kinitx tezisti l-possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejniethom.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielujissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruva illi l-partijiet ilhom sseparati *de facto* ghal aktar minn erba' snin u kienu ukoll isseparaw legalment skond kuntratt datat 19 ta' Mejju, 2014 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono. Jikkonferma ukoll li dejjem hallas l-manteniment dovut skond il-kuntratt ta' separazzjoni.

Illi r-rikorrenti ppruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

L-intimata tablet ukoll li tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe' Mamo.

Ghal dawn il-motivi din il-Qortitaqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem mil lum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tilqa' t-talba tal-intimata biex tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe' Mamo.
3. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**